MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 134/2011

**Banif Bank (Malta) plc**
**numru tar-registrazzjoni C 41030**

**Vs**

**Jo Reme**
**Passaport Norvegiz Nru 25542090**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ sebat elef, tlett Euro u tnejn u tletin centezmu (€7,003.32) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut fuq il-kontijiet tal-konvenut mal-kumpannija attrici u specifikatament kif ser jinghad hawn taht:

Fuq il-*Credit Card* Nru. 4196 8060 0001 2415 li l-konvenut ghandu mal-kumpannija attrici (ara l-formola ta’ l-applikazzjoni markata bhala Dok. ‘A’), hemm dovut l-

ammont ta' sitt elef, tmien mija u wiehed u disghin Euro u disgha u tmenin centezmu (€6,891.89) u sal-15 t'April 2011, tali ammont kien jinkludi mitt ewro (€100.00) f'imghaxijiet (ara l-*istatement* bankarju markat Dok 'B').

Fuq il-*Current Account* Nru. 17973 10 001 li l-konvenut ghandu mal-kumpannija attrici, hemm dovut l-ammont ta' mija u hdax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€111.43) u sal-15 t'April 2011 tali ammont kien jinkludi tlett Euro (€3.00) f'imghaxijiet (ara l-*istatement* bankarju markat Dok 'C'). Dan l-ammont jikkoncerna *bank charges* relatati ma l-ammont fuq il-*Credit Card* imsemmija aktar 'l fuq.

Inoltre, l-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpannija attrici ai termini ta' l-Artikolu 11(f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-*Credit Card* (ara Dok 'E') stante li l-konvenut ripetutament naqas li jaghmel il-pagamenti kif stipulata fl-imsemmija *Conditions Of use*.

Illi l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallsha l-ammont minnu dovut, izda hu baqa inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghada ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpannija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment.

Bl-imghax skond l-ghola rata permessa mill-ligi mill-15 t' April 2011 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata t-28 t'Ottubru 2010 u l-ittra ufficjali Nru 613/11 datata s-17 ta' Frar 2011 u mibghuta a tenur ta' l-Aritkolu 166A tal-Kap,. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittri baqghu mhux notifikati minkejja diversi tentattivi, u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 546/11 prezentat kontestwalment ma' l-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni u dan kollu minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpannija attrici fil-konfront tal-konvenut.

Wara li rat id-dokumenti annessi, annessi mal-istess rikors, minn fol 3 sa fol 15 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Marzu 2012 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €7003.32 bl-imghax legali mill-15 ta' April 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Ottubru 2010, dik ufficjali numru 613/11 tal-17 ta' Frar 2011 imsemmija fl-istess rikors promotur u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 546/11 presentant fis-17 ta' Frar 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------